MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 977/2004

**GasanMamo Insurance Limited hekk kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurata taghha Jennifer Jane Saydon sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Jennifer Jane Saydon**

**Vs**

**Stephen u Mary konjugi Zarb f'isimhom propju u bhala rapprezentanti legali ta' binhom minuri Jonathan Zarb u l-istess Jonathan Zarb**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Mejju 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm456.05 (erba` mija sitta u hamsin lira Maltin u hames centezmi) bhala danni sofferti mill-atturi f'incident awtomobilistiku fis-Swieqi.

Fl-Avviz tat-talba intqal:-

L-atturi jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ihallsu lil atturi s-somma ta’ erba` mija u sitta u hamsin lira u hames centezmi (Lm456.05), rapprezentanti danni sofferti mill-atturi f’incident awtomobilistiku li sehh fit-12 ta’ Dicembru, 2002 fi Triq l-Ibrag, Swieqi, meta l-konvenut Jonathan Zarb, qasam it-Triq in kwistjoni b’mod traskurat, negligenti u b’nuqqas ta’ hsieb, u bhala konsegwenza ikkaguna danni fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CRL 333 misjuqa minn Carl Saydon, u propjeta` ta’ l-assikurata tas-socjeta` mittenti, Jennifer Jane Saydon, liema vettura kienet assikurata taht polza tat-tip “Comprehensive” mas-socjeta` attrici li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni subiti fuq il-vettura ta’ l-assikurata taghha, u liema incident sehh tort tal-konvenut Jonathan Zarb minhabba traskuragni, negligenza, nuqqas ta’ hsieb u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, hekk kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

L-ammont mitlub jinkludi s-somma ta’ mitejn u hamsa u ghoxrin lira (Lm225) mhallsa bhala “Excess” mill-attrici, Jennifer Jane Saydon, sid il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni CRL 333 li kienet assikurata taht polza tat-tip “Comprehensive” mas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta’ April, 2004 u tal-Mandati Kawtelatorji ta’ Qbid u ta’ Sekwestru pprezentati kontestwalment ma’ dan l-Avviz, u bl-imghaxijiet legali mis-27 ta’ April 2004 sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvneuti jew min minnhom li huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet:
1. Illi preliminarjament il-konvenut Jonathan Zarb ghadu minorenni u ghalhekk m’ghandu l-enda *locus standi* fil-proceduri odjerni;
2. Illi l-konvenuti genituri tal-minuri Jonathan Zarb u cioe` Stephen u Mary konjugi Zarb m’ghandhom l-ebda responsabilita fil-kaz odjern;

3. Illi m'hemm l-ebda dubju li l-incident imsemmi sehh b'tort uniku ta' Carl Saydon u dan bi traskuragni, b'imprudenza, b'imperizja, u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjes kontra l-atturi li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi l-azzjoni attrici hija kawza partikolarissima billi qed jigi imfittex pedestrian ta eta' minorenni li allegatament ikkaguna incident ma' vettura' li spiccat bil-hsara.

Illi l-konvenuti issollevaw diversi eccezzjonijiet ta' natura purament legali li ghandhom jigu trattati. Minuri taht it-18 il sena ma jistax jigi konfrontat bi proceduri legali ta' natura civili fil-kwalita tieghu personali.

Huwa ma ghandux l-kapacita legali rikjesta mill-ligi sabiex jirrispondi ghal talbiet attrici. Huwa monk fil-kapacita ta' 'locus standi indicio'.

Illi l-genituri tal-minuri gew imfittxija ukoll fil-kwalita taghhom personali Pero' jekk wiehed jezamina l-premessi tal-avviz ma giet addebitata l-ebda nuqqas fil-konfront taghhom. Lanqas mix- xhieda prodotta ma gew inkorsi xi nuqqas u / jew kontribuzzjoni.

Pero' gew korrettement istitwiti il-proceduri odjerni kontra taghhom pero' limitatament fil-kwalita ta' genituri allura bhal l-legittimi rapprezentanti ta' binhom minuri.

Illi relattivament ghal meritu tal-kaz dana gara f' ambjent ta` speci ta` salib it- toroq. L-ambjent kien fid-dlam, dawl ta' xejn. Il-minuri kien qed jaqsam it-triq. Il-vettura attrici harget min fuq stop sign, fuq ix-xellug taghha kien bus stop. Il-versjonijiet tax-xufier u tal-konvenut huma konfliggenti. Ma hemmx qbil fuq element essenzjali –kif

harget il-vettura min kantuniera fuq stop sign u x'prekawzjonijiet ha, jekk kien hemm xarabank thott in-nies fuq l-istage. In-nuqqas ta dawl fit-triq u post adegwat u zgur sabiex persuna taqsam it-triq – kien hemm fuq il-post? Fl-assenza ta' dawn l-elementi kollha kien jingombi grad ghola ta' attenzjoni, prudenza u perizia da parti tax-xufier tal-vettura attrici. Ma jistax jinghad li l-atturi rrnexilhom jippruvaw il-kaz fuq bilanc ta' probabiltajiet. Possibilta iva pero' dan mhux bizzejjed.

Jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici b-ispejjes jibqghu bla taxxa in vista tac-cirkostanzi specjali tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------